# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru tmienja (8) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2013, fil-5.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Qabel ma ddiskutew il-punti mill-Minuti, il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq il-kaz illi fetaħ il-Viċi Sindku Johan Mula kontrieħ wara l-akkuzzi li saru kontra l-Viċi Sindku fl-ewwel u t-tieni laqgħa ta' 2013. Qal ukoll illi issa hu lest illi jidħlu l-qorti issa. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi kien qed jiddefendi lilu nnifsu, kif ukoll il-familja tiegħu. Is-Sindku qal illi kien waqaf il-laqgħa tlett darbiet apposta izda li s-sur Busuttil xorta baqa jgħid dak illi qal waqt il-laqgħa u sostna li każi bħal dawn m'għandhomx ikunu waqt il-laqgħa u waqaf l-interventi biex tkompli l-laqgħa.

3.2 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi issa hemm 26 tfal fil-kors tal-Agones. Qal illi Agones Sfc se jippruvaw juzaw l-iskola ta' San Benedittu biex ikomplu l-programm tal-kors fejn jidħlu l-għawm u l-ġiri.

3.3 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm tfal illi reġgħu daħlu fil-grawnd meta kienet magħluqa. Qal illi reġgħu qaċtu x-xibka. Is-Sindku qal illi se nagħmlu xibka tas-soqfa man-naħa tal-bandli, u wara nagħmlu waħda galvanizzata lesta avolja din tkun naqra izjed għolja.

3.4 Is-Sindku qal illi s-Sindku taż-Żurrieq ippropona li jiltaqaw nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju [ref punt nru. 3.2] izda s-Sindku għandu jara l-Aġenda tiegħu. Is-Sindku se juri l-pjanta bil-konfini tagħna lis-Sindku taż-Żurrieq. Il-Kunsill għandu jitlob pjanta "up-to-date" mid-Dipartiment.

3.5 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna niltaqgħu mal-Ispettur rigward il-problemi li hemm fit-triq San Tumas [ref punt nru 3.3]. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien għamel din it-talba bosta drabi u għalhekk sema f'laqgħa preċedenti li ġew il-pulizija sal-Kunsill biex juru li huma għandhom il-permessi biex joperaw. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi issa qed jistenna risposta minn MEPA rigward kif dawn jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol ġo zona residenzjali.

Fuq l-istess punt il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-Minuti mhumiex korretti u li l-Kunsill ma qalx illi se jsiru l-postijiet tal-parkeġġ [ref punt nru 3.3] izda li ġie diskuss il-punt u li għandna nitolbu l-permess biex isiru. Is-Sindku qal illi anqas jixtieq jagħmel parking mal-ħitan tas-sejjiegħ għaliex jekk jaqaw il-ġebel il-Kunsill se jieħu t-tort għall-ħsara fuq il-vetturi. Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi huwa mperattiv illi naraw jekk dawn jistgħu jagħmlu l-istorbju wara nofs in-nhar u li mhux se nsolvu l-problema jekk nagħmlu 2 postijiet tal-parkeġġ.

3.6 Is-Sindku qal illi ltaqa mal-Head kowċ u dan qal illi mhux se jibqa jzomm il-kariga tiegħu wara l-istaġun [ref punt nru 4.1]. Qal ukoll illi talab lil kowċes l-oħrajn biex jikkonfermaw jekk se jkomplu bħala kowċes tan-Nursery għall-istaġun il-ġdid, izda li ħadd minnhom ma bagħat risposta. Is-Sindku qal ukoll illi se jħalli l-wisa biex il-Head kowċ Omar Schembri jerġa jidħol fil-futur. Il-kunsillier Carlo Stivala lmenta li n-Nursery ma taffordjax dawn l-affarijiet kollha li qed jiġru mal-kowċes u wara l-infieq kollu li ħriġna għall-kowċes jemmen illi kellhom juru izjed inizjattivi biex jipromwovu n-Nursery tagħna. Is-Sindku qal illi fil-passat in-Nursery kien vijabbli u ma jarax għalfejn kelna nnaqsu l-pagi tal-kowċes meta kien hemm nuqqas ta' tfal. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-kowċes ġew impjegati mis-sur Schembri u għalhekk ma jarax għalfejn għandhom jibqaw jekk se jitlaq hu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi bil-kompetizzjoni li hemm issa li fetħu nurseries oħrajn viċin tagħna, se tkun diffiċli biex niġbdu izjed tfal u għalhekk għandna nimmiraw biex għalmenu nzommu t-tfal illi diġa qegħdin fin-Nursery għal sen'oħra. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi jaf biċ-ċert li l-kowċes diġa maru ġo nurseries oħrajn. Is-Sindku qal illi

se jagħti sal-aħħar tal-ġimgħa biex huma jibagħtu risposta qabel ma' il-Kunsill joħroġ sejħa għal kowċes. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għadu jixtieq illi l-kow Jeffrey Saliba jidħol fil-laqgħa tal-Kunsill biex jispjega għalfejn għal id-diskors li qal fil-konfronti miegħu matul dawn l-aħħar xhur. Qal ukoll illi qatt ma kien hemm korrespondenza miegħu min-Nursery. Fuq dan il-punt is-Sindku qal illi ħadd minnhom ma kien misteden fil-Grupp Sportiv u dan kien zbal minn naħa tal-kunsillier Stivala meta ngħaqad il-grupp wara li l-Kunsill kien qabel illi kellhom ikollhom raprezentant. Qal ukoll li l-isports day kellu jikkordinha man-nursery iżda ma sarx hekk. Qal ukoll li organiżża training session ma plejer mis-Serbia bla ma kkonsulta man-nursery u anki nbidlu l-ħinijiet. Qal ukoll illi ma jistax jkun illi jibqa jsir dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni u qal ukoll illi anka ċerti kunsillier qegħdin jagħmlu affarijiet mingħajr ma jgħidu lilu qabel. Għalhekk qal illi mingħajr il-kunsens tiegħu, l-ebda persuna ma jista jieħu azzjoni f'isem il-Kunsill. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi m'għandu l-ebda dubju li s-sur Stivala huwa kapaċi fejn jidħlu l-isports pero jemmen illi għandu jinbiddel id-dikasteru tiegħu jekk il-kowċes jibqaw u jekk għandhom problemi miegħi. Qal illi preferibilment is-sur Stivala jzomm id-dikasteru tiegħu u nagħmlu sejħa għal kowċes ġodda u nibdew mill-ġdid. Qal ukoll illi jekk jitilqu l-kowċes dejjem hemm il-biza li jieħdu t-tfal ukoll. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi dejjem xtaq illi jkun hemm komunikazzjoni bejhu u l-kowċes u fuq dan is-Sindku qal illi qatt m'għamilha din waqt illi zied li l-Kunsill qed jidher li naqqas fejn jidħol football fir-raħal. Il-kunsillier Carlo Stivala qal li ħdimna fuq sports oħrajn u kelna s-suċċessi u jekk naħdmu fuq in-nursery nerġgħu nqajmuha sew. Is-Sindku u l-kunsillier Publius Abdilla fakkru li fejn jidħlu ċiklizmu, ġiri, eċċ m'hemmx kompettizzjoni, u għalhekk se tkun izjed diffiċli biex inkabbru n-nursery u ma nistgħux niddependu fuq is-suċċessi ta'sports oħrajn.

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Invoice kellha tinqara €14/load għal 6 loads [ref punt nru 5.1] u għalhekk il-Kunsill se jħallas €84 + VAT għax-xogħol.

3.8 Is-Sindku esprima d-diżappunt tiegħu rigward l-atitudni ta ftit residenti li ġew għal laqgħa tal-Lokalita [ref Aġenda punt 6] wara li lmentaw fuq il-Kappillan wara li hu prova jevita li l-festa tagħna u ta' Ħal Kirkop isiru fl-istess ġurnata kull seba' snin. Qal illi kien il-Kappillan illi avvinċinaħ u għalhekk jemmen illi dak id-diskors ma kellux jintqal. Il-Viċi Sindku Johan Mula jħoss illi hemm min ma jistax għaliħ u issa qegħdin jieħdu l-opportunita biex jattakkawħ. Il-kunsillier Carlo Stival qal illi l-istess nies għandhom juru l-maturita quddiem l-Isqof meta jiġi fis-sala tal-Kunsill. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qabel mas-Sindku u qal illi ġara li ġara minħabba l-Kappillan preċedenti u li l-Kappillan m'għandu l-ebda tort.

3.9 Il-kunsilliera Publius Abdilla u Pietru Pawl Busuttil qalu li ma kienux jafu bl-intenzjoni li nresqu l-ATM [punt 6.7]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma nistgħux nitilfu dan is-servizz. Is-Sindku qal illi m'aħniex se nitilfu s-servizz u li jixtieq iressaq l-ATM wara li rċieva ħafna lmenti mir-residenti. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kulħadd hu msallab b'xi ħaġa u ma nistgħux nikkontentaw lil kull individwu. Il-kunsillier Publius Abdilla lmenta li s-Sindku tkellem ma ħafna individwi u mhux mal-kunsilliera. Is-Sindku qal li ra ħafna opinjonijiet qabel ma jressaq xi ħaġa għall-attenzjoni tal-Kunsill.

3.10 Is-Sindku qal illi suppost il-bankijiet se jitwaħħlu matul il-ġimgħa [ref punt nru. 6.14]. Il-kunsillier Publius Abdilla ma qabilx mal-kliem tas-Sindku meta qal illi se nagħmlu tnejn u l-persuna li qalahom hu li ċaħad waħda minnhom. Hu qal illi xorta l-Kunsill se jidher ikraħ quddiem in-nies. Fl-istess ħin zied illi hu kuntent illi fl-aħħar se jitwaħħlu.

3.11 Is-Sindku qal illi se nirranġaw it-telephone box [ref punt nru 6.16] u jixtieq jagħmel telefon antik minflok.

3.12 Is-Sindku qal illi avolja kien ir-riħ, it-tfal xorta ħadu pjaċir waqt l-inizjattiva tal-iskola [ref Aġenda punt 7] u għamlu xogħol tajjeb.

## 4. Korrespondenza

4.1 Il-Kunsill aċċetta t-talba tal-Head kowċ tan-nursery sabiex nixtru t-trophies għal end of season tan-nursery għall-plejers, kif ukoll għall-kowċes.

4.2 Safi AFC għamlu talba biex jużaw is-Sala tal-Kunsill fl-14 ta' Ġunju fit-8pm. Il-Kunsill aċċetta bil-kundizzjoni li jħallu l-post nadif.

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti

5.1 Il-kunsilliera qablu, u ffirmaw il-PAS.

**6. Ħwejjeġ oħra**

6.1 Is-Sindku ssuġerixxa li insiefru n-nies tar-raħal u ppropona ġita għal Sqallija f'Ġunju. Qal illi sab offerta għal €100 li jinkludi l-vjaġġ bil-katamaran, dħul ġo fabbriki tal-agrikultura, 6 course meal bl-inbid u trasport mir-raħal sal-katamaran u lura. Il-kunsilliera qablu mal-proposta. Is-Sindku se jara liema ġurnata għanda ssir. Qal ukoll illi se tkun miftuħa għal kulħadd.

6.2 Il-Viċi Sindku Johan Mula kkumenta fuq Jum Ħal Safi. Qal illi s-serata ingħoġbot imma għandna nirranġaw xi aranġamenti għal sen'oħra [il-punti t'hawn taħt kienu suġġerimenti tan-nies u mhux bilfors tiegħu personali]:

- is-sound tal-iskola ma kienx tajjeb u ssuġerixxa li nuzaw is-servizz ta' persuna li jifhem fis-sound [fuq dan il-punt is-Sindku fakkru li dawn se jżiedu l-ispejjez]
- Il-partners joqogħdu fejn xulxin [hawnhekk il-kunsilliera qablu li mhux possibli li dan isir]
- Is-sur Ciantar [vjolonista] kellu wisq ħin avolja kien tajjeb ħafna
- L-inviti għandhom joħorġu izjed kmieni [is-Sindku qal illi min kien mistieden u ma ġiex kien deċiżjoni tiegħu u li ma stajniex nibagħtu inviti qabel jekk anqas konna nafu min laħaq Ministru wara l-elezzjonijiet.
- Nominazzjonijiet tal-Premji għandhom jkollhom profil magħhom jew ma jiġux kunsidrati
- Għandna nibdew insemmu min innominahom.

6.3 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm arblu maqtugħ f'triq iż-Żurrieq. Is-Sindku qal illi diġa għamilna rapport lil EneMalta u rrispondew li m'għandhomx arbli.

6.4 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi hemm bracket maqtugħa taz-zebra crossing ta' triq iż-Żurrieq [wara l-pjazza].

6.5 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi qat ma rċieva l-Minuti tal-laqgħat tal-Kumitati. Qal li sar jaf li l-Kunsill se jipparteċipa f'Youth Exchanges għax xi ħadd mill-Kumitat tal-Edukazzjoni u Kultura qalu. Qal illi bħala kunsillier għandu jkun jaf x'qed isir. Fuq dan il-punt il-Viċi Sindku qal illi l-Kunsill sar jaf, u kellu jieħu ħsieb, dwar l-applikazzjonijiet tal-Youth Exchanges minn bejn l-aħħar laqgħa u din għaliex kellna jumejn biss ċans li napplikaw.

6.6 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi se nkomplu bil-kors tad-Drama u issa hemm 20 tifel u tifla fil-kors.

6.7 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi fil-25 ta' Mejju, "Agones Academy" jixtiequ jagħmlu triathlon minn Birżebugia sa Ħal Safi, fejn il-kompetituri jitilaw sal-pjazza tar-raħal u lura l-Karwija [bil-ġiri]. Qal illi se jibdew fil-5pm. Qal illi m'hemmx għalfejn nagħqlu toroq, ħlief l-isqaq tal-Karwija. Is-Sindku qal illi għandhom jitpoġġew marshalls ma kull kantuniera u li l-koordinatur tal-akkademija għandu jieħu ħsieb il- permessi kollha.

6.8 Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi hemm ilma ħierġa minn kanna fejn Ġnien Sir Alexander Ball. Is-Sindku qal illi diġa morna tlett darbiet biex nirranġawha.

6.9 Il-kunsillier Carlo Stivala talab illi nidiskutu s-Summer League fil-laqgħa li jmiss.

**7 Laqgħa li jmiss**

7.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm.

7.2 Il-laqgħa li jmiss se jsir fid-29 ta' Mejju.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |